# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 29**

**28 t'Awwissu 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fl-4.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Victor Cefai – Viċi-Sindku

**ASSENTI**
Horace Micallef - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**29.1** **Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku Victor Cefai.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier għandu jiġu skużat**.** Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**29.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ppreżentati l-minuti numru 26, 27 u 28 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**29.3** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**29.4** **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* għall-perijodu April - Ġunju 2018**

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ippreżentat lill-Kunsill kopja tal-*quarterly financial report* għall-perijodu April - Ġunju 2018 kif kien ippreparat mill-*accountant* tal-Kunsill. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

**29.5** **Komunikazzjoni mis-Sindku.**

29.5.1 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li sar bukkett fjuri għall-funeral tal-ex-Sindku tal-Munxar. Huwa informa lil Kunsill li attendat għall-funeral li sar fil-Bażilika' ta' San Ġorġ. Attendew is-Sindku u il-Kunsillier Horace Micallef.

29.5.2 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li il-Porfido tal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, beda jitpoġġa' fil-post u mistenni li x-xogħol ser jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku iltaqgħa mal-perit tal-Kunsill rigward dan ix-xogħol u ġie ikkonfermat li ix-xogħol qed isir ta' kwalita' għolja.

29.5.3 Biex issir il-manutenzjoni tal-fanali ta' Triq il-Kapillan Hili, irid jitqabbad ħaddiem. Dawn l-istess fanali għandhom bżonn li jinżebgħu bl-użu ta' *mobile scissors scaffolding* filwaqt li il-ġenb tat-triq fejn ikun hemm ix-xogħol għaddej ikun b'*No Parking Signs*.

29.5.4 Is-Sindku informa lil Kunsill li inqalgħu il-bozzoz ta' sqaq fuq il-Lunzjata skond kif ġie mitlub mir-resident.

29.5.5 Il-Kunsill ġie mgħarraf li is-Sindku attenda għall-żewġ laqgħat tar-Reġjun Għawdex li jsiru kull xahar, fejn is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-ħlas li għandu jieħu rigward xogħol ta' *patching* tas-sena 2017.

29.5.6 Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm bżonn li jinġabru il-*quotes* għall-tlett pannelli li hemm fil-*playing field* billi dawn sarulhom xi ħsarat. Il-ħsara saret b'daqqa ta' ġebla skond l-ispezzjoni tal-inġinier tal-Kunsill u is-Sindku. L-istima tal-ħsara hija ta' aktar minn €1400.

29.5.7 Is-Sindku issuġġerixxa li issir ħarġa tan-*Notte Bianca* f'Malta li ser tkun fl-ewwel Sibt ta' Ottubru.

29.5.8 Il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm bżonn jinxtraw żewġ *air-conditions*, *projector* u titqawwa is-saħħa tal-Wi-fi fis-sala tal-komunita'.

29.5.9 Dwar il-*playhouse* li kien ġie deċiż li ser tinxtara bil-flus tal-*Wasteserv award* ser jinxtraw *litter bins* billi ma kienx hemm approvazzjoni minn naħa tal-*Wasteserv* sad-data tal-laqgħa tal-Kunsill.

29.5.10 Saret il-ħarġa annwali għal-Sqallija. Żorna l-Marina di Pozzalo, r-riserva Naturali Biviera di Gela, l-Belt ta' Gela, il-villaġġ ta' Botera, l-belt ta' Enna u Ċentru kummerċjali f'Ragusa. Attendew 22-il persuna fosthom is-Sindku u il-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

29.5.11 Tħallas il-Perit tal-Kunsill għall-*minor emendment* lil Awtorita' tal-Ippjanar tal-mafkar tal-vittmi tal-logħob tan-nar.

29.5.12 Is-Sindku informa lil-Kunsill li sar l-*aircondition* fl-ufficcju tal-Kunsill.

29.5.13 Is-Sindku informa li sar il-ħlas ta’ perċentwal tat-total li jiswa’ ix-xogħol lil bronżar.

29.5.14 Is-Sindku informa lil-Kunsill li saret l-applikazzjoni tad-*Development Fund* lill-Awtorita’ tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel li il-fondi ivvotati fil-*budget* għal-xogħol ta’ *tarmac* jintużaw għall-dan il-għan ukoll.

## 29.6 Ħruġ ta’ Offerti

29.6.1 *Tender Evaluation Report - Luminiaries.*
Il-Kunsill qabel li il-*budget* tat-*tender* jizdied b’€20,000. Dawn il-fondi huma minn tat-tiżjin tat-Triq tal-Kapillan Hili li jammontaw għall- €5,000, peress li din l offerta ma ingħatatx, u mill fond tal-rinnovar tas-sala tal-komunita’ €15,000 peress li dan ix-xogħol mhux ħa jseħħ f’din is-sena.

29.6.2 *Tender Evaluation / Closure Report – Christmas Lights.*
Il-Kusill qabel li dan it-*tender* għandu jiġi magħluq, peress li għat-tieni darba ma kien hemm l-ebda offerta valida.

29.6.3 Il-Kunsill qabel li issir l-estensjoni tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart għal xhar ieħor.

29.6.4 *Tenders* li għadhom qiegħdin fil-proċess biex jinħarġu.
Il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm *tender* ta’ fanali għall diversi toroq li qiegħed fil-proċess li jinħareġ għall-istadju tas-sejħa pubblika u ieħor tax-xogħol fuq ħitan tas-sejjieh ta’ Triq ix-Xlendi li ħareġ għat-tieni darba, diġa’ qiegħed fuq is-sistema tal-*EPPS* sabiex il-kumpaniji interessati ikunu jistgħu jitfgħu l-offerti tagħhom.

29.6.5 Kwotazzjonijiet tal-ktejjeb tal-Kunsill.
Żewġ kwotazzjonijiet ġew miftuha u d-deċizjoni dwarhom ser tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

29.6.6 *Tender* li qiegħed fil-proċess ta’ aġġudikazzjoni huwa dak għal-sitta u għoxrin (26) fanal LEDs għat-toroq John Gaspard le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi.

## 29.7 *Items* ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa

29.7.1 Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-ħatra għandha issir. Inħarġet ukoll is-sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv part-time.

29.7.2 Jum il-Fontana, 1 ta' Dicembru u l-anniversarju tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.
Is-Sindku propona u il-Kunsill qabel li jsir l-istess programm tas-soltu imma jiżdiedu xi attivitajiet miegħu. Kien hemm ideat varji, fosthom ħarġa bit-*train*, *launching* tal-ktejjeb tal-Kunsill, inawgurazzjoni u tberik tal-monument tal-vittmi tan-nar, irħama tikkomemora il-25 sena anniversarju, irħama oħra fejn jitnniżżlu l-ismijiet tas-Sindki passati, preżenti u futuri, u *weekend-break* fi Sqallija bejn l-erbatax u is-sittax (14 u 16) ta' Dicembru 2018 fejn iżuru Palermo, Marsala u Trapani fost postijiet oħra.

29.7.3 Mafkar għall-vittmi tal-logħob tan-nar. L-istima tal-marmista rigward il-pedestal tal-monument ġiet aċċettata uninament mill-Kunsill u ix-xogħol għandu jibda isir.

29.7.4 *Safety features* tal-uffiċċju u fis-sala tal-komunita' u xogħolijiet oħra ta' dawl.
Il-Kunsill qabel li il-kuntrattur imqabbad bix-xogħolijiet għandu jingħata żmien sad-data tal-laqgħa li jmiss sabiex jitlestew ix-xogħolijiet. Fil-każ li dan ma jseħħx, persuna oħra tiġi ikkummissjunata bix-xogħolijiet.

29.7.5 *Interim Financial Reports* – Il-Kunsill ġie mgħarraf mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li għadna nistennew ir-rapporti finanzjarji billi hemm bżonn ta' kjarifika bejn l-*accountant* tal-Kunsill u diversi entitajiet minħabba bdil fil-proċedura tal-*audits*. Ġew ukoll ippreżentati l-istimi tax-xogħolijiet, sew tal-*accountant* kif ukoll tal-kumpanija tal-*auditors* li ser tagħmel ix-xoghol.

29.7.6 Ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet tal-Planning Authority bin-numri PA/00701/14, PA/07025/16, PA/02175/18.

29.7.7 Hemm bżonn li tintbgħat ittra lil min jiġbor iż-żibel ħalli jitnaddaf il-*litter bin* li hemm fil-*playing field* billi dan ma tnaddafx avolja ġiet infurmata bil-fomm.

## 29.8 Ilmenti u Komunikazzjonijiet

29.8.1 Sar ilment li hemm bżonn issir bankina tal-konkos fi Triq l-Isptar San Giljan u ukoll issir tiswija fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li tintbagħat lid-Dipartiment

ikkonċernat. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li nfakkru lid-dipartiment rigward il-bankini għat-tiswija li hemm pendenti.

29.8.2 Stedina sabiex il-Kunsill jattendi għall-attivita' u talba għall-permess tal-Kunsill Lokali sabiex jingħalqu trejqet iċ-ċentru parrokkjali u wara is-sagristija u jintuża' il-*playing field*, mingħand il-Kummissjoni Żagħżagħ Fontana li ser torganizza il-*Fontana Sports Fest* bejn id-19 u 22 ta' Settembru, fejn intgħażlet it-tema tas-saħħa mentali. Il-Kunsill qabel li l-attivita' għandha issir imma il-permess huwa biss biex jintuża' il-*playing field*. L-ebda vettura jew makkinarju ma għandu jitla' fuq is-saqaf tat-tieni fażi tac-Ċentru Ċiviku speċjalment fejn hemm il-*porfido* li tlesta dan l-aħħar.

29.8.3 Email mingħand il-Gvern Lokali fejn jinforma lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li ser isiru xi emendi fil-Litter Act (Cap 206), sabiex il-Kunsill ikun jista jinforma b'xi ħsieb ta' tibdiliet li ikun ser jagħmel fuq it-*timetable* tal-ġbir ta' skart.

29.8.4 Email mingħand l-AKL fejn infurmat lil-Kunsill rigward il-kuntatti tal-ħaddiema li jaħdmu magħha.

29.8.5 Emails mingħand l-AKL bil-Minuti tal-laqghat numri 9 u 10.

29.8.6 Email mingħand il-Ministeru ghall-Għawdex sabiex jitolbu informazzjoni ta' attivitajiet sabiex titniżżel fil-kalendarju kulturali 2019. Ser issir laqgħa lis-Segretarji Ezekuttivi sabiex jiddiskutu dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li ma hemmx attivitajiet x'jitniżżlu.

29.8.7 Email mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet sabiex isaqsi lill-Kunsill Lokali hemmx interess biex jipparteċipa għall-*Pink October*. Il-Kunsill iddeċieda li jinxtegħlu l-għejjun bil-kulur roża.

29.8.8 Email mingħand is-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita' Attiva sabiex jinfurmaw li infetħu l-applikazzjonijiet għal Premju Anzjanita' Attiva 2018.

29.8.9 Email mingħand *MEUSEC* sabiex tinforma lil-Kunsill Lokali li hemm proġett li jistgħu japplikaw għalih fuq it-tema ta*' Legal Migration & Integration*.

29.8.10 Email mingħand *Eu affairs* tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-Kunsill Lokali rigward parteċipazzjoni fi*l-European Week of Regions and Cities 2018* ġewwa Brussel.

29.8.11 Email mingħand il-Ministeru ghall-Għawdex sabiex jitolbu informazzjoni ta' attivitajiet sabiex titniżżel fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Milied 2018.

29.8.12 Email minghand EcoGozo fejn qed jitgħolbu lil-Kunsilli Lokali sabiex jissottomettu xi attivitajiet li ser jorganizzaw fil-*European Mobility Week* li ser tkun bejn is-16 u 22 ta' Settembru.

29.8.13 Email mingħand Radju Sacro Cuor sabiex tingħata l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex ixandru fuq l-istazzjon tal-komunita'.

29.8.14 Email mingħand il-Ministeru tas-saħħa sabiex jitolbu lil-Kunsill Lokali sabiex jgħinu fil-vaċċinar lir-residenti tal-lokalita' kontra l-influwenza. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir u jintbgħat avviz lir-residenti.

29.8.15 Ċir DLG 5/2018 tal-Gvern Lokali rigward Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Socjali fuq Studji dwar l-Impatt fuq l-Istorbju Ambjentali – Istruzzjonijiet għall-Proposti tal-Iżvilupp u l-Permessi Industrijali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.16 Ċir AKL 2018/087 – Aħbar ta' mewt ta' omm il-mara ta' Kunsillier mal-Kunsill Lokali tal-Mellieha.

29.8.17 Ċir AKL 2018/088 – Aħbar ta' mewt tal-ewwel ex-Sindku mal-Kunsill Lokali ta' Pembroke

29.8.18 Ċir AKL 2018/090 – Aħbar ta' mewt tal-ex-Sindku u Kunsillier fil-Kunsill Lokali il-Munxar.

29.8.19 Ċir AKL 2018/091 – Servizz ta' qbid ta' ħamiem selvaġġ.

29.8.20 Ċir AKL 2018/093 – *Food Safety requirements for stalls serving food during crowd pulling events.*

29.8.21 Ċir AKL 2018/095 – Dettalji tal-Kuntratturi mqabbda mill-Kunsilli Lokali.

29.8.22 Ċir AKL 2018/097 – *EMW Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.23 Ċir AKL 2018/098 – *University of the Third Age Malta Registrations for Academic Year 2018 - 2019.*

29.8.24 Ċir AKL 2018/099 – Proceduri ghall-applikazzjonijit ta' permessi ta' *tower cranes.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.25 POC 88/2018 – *Resurfacing of Part of Triq il-Ghajn – Tender Documents*. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku qal li wara il-Kunsill ilu aktar minn ħames xhur jistenna tweġiba dwar ix-xogħol ta' *tarmac* li kien ser jagħmel f'parti minn Triq il-Għajn ġie miżmum mid-dipartiment tal-gvern lokali, dan minkejja li kellna l-approvazzjoni tad-dipartiment madwar xi sentejn qabel sabiex isir dan ix-xogħol. Issa il-*monitoring unit* ta' l-istess dipartiment infurmana li dan ix-xogħol jista' isir. Il-Kunsill qabel li peress li f'Ġunju li għadda fuq talba tal-Ministeru għal-Għawdex dwar ix-xogħol ta' *tarmac* li jista' jsir fil-Fontana, dan ix-xogħol ġie propost li isir mill-Ministeru għall-Għawdex. Għalhekk il-Kunsill qabel li jistenna sabiex naraw x'ser jiġri minn din it-talba. Dan għar-raġuni li mhux ġust li issa ninformaw lil-Ministeru għal-Għawdex li il-Kunsill biddel id-deċiżżjoni u ser jagħmilha hu.

29.8.26 Ittra tal-Green MT sabiex tinforma lil-Kunsill li mhux ser jitkompla is-servizz u il-Kunsill qabel li jieħu parir legali. Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lid-Direttur tal-Gvern Lokali u ġbidna l-attenzjoni li l-kuntratt huwa validu.

29.8.27 Ittra mingħand l-Avukat Farrugia f'isem il-klijent tagħha sabiex jitħallas l-ammont ta' €445. Dan jitratta fuq il-kawża tal-computers. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu parir legali.

## 29.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00 p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgha, 28 ta' Settembru 2018 fil-4.00 p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg** **Manolita Farrugia**
**Sindku** **Deputat Segretarju Eżekuttiv**